

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2009 — Katjes Fassin vs UASI (Forma ta' wiċċi ta' panda)

(Kawża T-22/09)

(2009/C 69/107)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Katjes Fassin GmbH & Co. KG (Emmerich am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Schmitz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Novembru 2008, fil-Każ R 1299/2006-4;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark tridimensjonal li tirrappreżenta wiċċi ta' panda taċ-ċikkulata, għal prodotti fil-klassi 30 (Applikazzjoni Nru 4 505 161)

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (l') sa fejn it-trade mark li ġħaliha saret applikazzjoni għandha l-karattru distintiv mitlub.

(l') Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

Konvenuta: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Simca Srl (Cesano Boscone (MI), L-Italja)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u disinni) tas-6 ta' Novembru 2008 fil-Każ R 175/2008-1;
- tilqa' l-oppożizzjoni u tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Nru 4 584 587 ta' trade mark figurattiva "YourCare"; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għal trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark verbali "YourCare" għal prodotti fil-klassijiet 3, 8 u 21

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark verbali Ġermaniż "Young Care" rreġistrata Nru 2 913 574 għal prodotti fil-klassijiet 3 u 5; Trade mark figurattiva Ġermaniż "bebe young care" rreġistrata Nru 30 416 018 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 21 u 44; Trade mark verbali Ġermaniż "Young Care" rreġistrata Nru 30 414 452 għal prodotti fil-klassi 21;

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħha fl-intier tagħha u applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Deċiżjoni kkontestata annullata

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 40/94 peress li l-Bord tal-Appell wettaq evalwazzjoni żbal-jata meta kkonstata li mhemmix probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati; Ksur tal-Artikolu 74(1) tar-Regolament tal-Kunsill 40/94 peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni evidenza fattwali prodotta mir-rikorrenti.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2009 — Johnson & Johnson vs UASI — Simca (YouCare)

(Kawża T-25/09)

(2009/C 69/108)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Johnson & Johnson GmbH (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Gérard, avukat)